*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

*KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ*

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 23 – 29 ta’ Ottubru 2025**

***Minuti tat-tlieta u għoxrin laqgħa tal-Kunsill tad-disa’ Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar it-29 ta’ Ottubru 2025 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ iltaqa’ l-Kunsill Lokali fis-6:30pm ta’ filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 23. Il-laqgħa bdiet fis-6:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b’Apoloġija** | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |
| **Uffiċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

23.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Vici Sindku Joseph Agius xtaq jikkjarifika li dwar il-proġett tal-community hub li huwa mhux kontra l-kunċett iżda kontra kemm ġejja tiswa l-binja. U għal din ir-raġuni, l-vot kien kontra.

Ittieħed vot dwar it-tlett settijiet ta'minuti li kienu preżentati. Kulhadd kien favur il-minuti kollha li ħlief għal Kunsillier George Cortis li astjena mill-vot għall-minuti tal-4 ta' Settembru minħabba li ma kienx preżenti.

23.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

- Dwar Jum Ħaż-Żebbuġ is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li jeħtieġ li għad-darba li ġejja, il-post fejn tittella l-attivita jkun akbar. Din is-sena kien ta' suċċess kbir.
- Dwar it-trinek tal-Enemalta, issa x-xogħlijiet jinsabu konklużi. Baqa li jsiru r-road markings, u l-passaġġ pedonali ta' taħt il-pont tas-Siġġiewi.
- Dwar il-post vakanti għall-Clerk, is-Sindku Steve Zammit lupi qal li rċieva żewġ applikazzjoniet mill-Jobs Plus li kien ser jibgħat għalihom għall-interview.
- Saru xi żebgħat fit-toroq sabiex jindikaw l-ispeed limits.
- Ingħatat AED mill-Brown's Pharmacy bil-kaxxa b'kollox sabiex titwaħħal Ħaż-Żebbuġ.
- Il-Kunsill kien infurmat li il-post fejn hemm mikri għandu l-kuntratt issa wasal biex jiskada, u għaldaqstant ikun għaqli li jerġa jiġġedded. Ma tagħmilx sens li jkun mfittex post ieħor, meta intefqu l-flus fih biex jintranġa u meta issa s-servizz indara jiġi mghoti minn hemmhekk. Kien hemm qbil unanimu li dan il-kuntratt ikun imġedded għall-sentejn bil-possibilita li jerga jkun estiż għal sena oħra.
- Il-clean-up din is-sena saret f'Wied Baqqiegħa taht il-pont lejn il-kappella ta' San Blas, fejn inkera krejn u skips sabiex jitnaddaf din il-parti li kienet ilha żmien mitluqa.
- Hemm bżonn li jinbena ċint flok ħajt li qed iċedi ġewwa Triq Luigi Fontana.
- Il-PA qed titlob li jsiru traffic counts relatati ma Triq Frans Sammut minħabba l-proġett tal-Binja tal-Kunsill.
- Għaż-żiffa taz-Żebbug kienet attività b'suċċess u s-sena d-dieħla għandna nkomplu nibnu fuqha.
- Dwar Triq it-12 ta' Mejju, il-picnic area ta' fejn il-kappella ta' San Ġakbu, ġie deċiż li jsir tindif regolari minn Ġanni Sciortino għall-Eur200 fix-xahar. Kien hemm qbil unanimu.
- It-tlett cameras li se jsiru fl-akwata tal-Pjazza ser jieħdu l-enerġija mix-xemx u mhux kurrent elettriku.
- Il-laqgħa tal-lokalita ser issir lejn l-aħħar ta' Novembru/ bidu ta' Diċembru fejn din tkun miftuħa għall-pubbliku fejn jintlaqgħu ilmenti u suġġerimenti.

- Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil unanimu li ghall-fond ta' aġġustament għas-sena 2025 napplikaw għad-dawl tal-ġnien ta' faċċata tal-Peridot Hall li ser jammonta għal madwar Eur10,000.

23.3 Tenders

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li il-proġett tal-community hub qed jimxi. Iltaqghu l-kuntrattur u l-periti diversi drabi, fejn qed jgharblu x'inhu mitlub mit-tender.

Dwar il-kuntratt tal-Embellishment ta' Hal Mula, il-bidders gew mgharfa bir-rizultati u qed nistennew iz-zmien tal-appell jghaddi.

23.4 Bus Shelters

Dwar Bus Shelters ġodda is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li Faces anqas l-uniku commitment li għamlu ma onoraw li kien dwar il-Bus Shelter ta' Triq Sciortino. Għaldaqstant ser isiru 4 bus shelters bla telf ta' żmien ghaliex in-nies mhux moqdija. Il-hadid gej jiswa Eur 2,419 il-wiehed u jinxtara minghand Robert Camilleri, filwaqt li l-perspex ser jiswa Eur1,300 il-wieħed minghand Bonnici Aluminium. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

23.5 Milied 2025

Saret laqgha mar-rapprezentanti tal-każini dwar l-armar tal-Milied li ser jieħdu ħsieb huma. Eventwalment se jsir hafna tiżjin mal-ventijiet li diġà jeżistu, però fi Tri Mikielang Sapiano ser jitwaħħlu 22 arblu biex l-armar ikun jista jsir maghhom. Ser isiru wkoll 6 arbli ohra fil-pjazza. Ġie deċiż li il-Kumitat tal-Grazzja u l-Kumitat ta' Santa Marija jieħdu Eur500 il-wiehed filwaqt li l-każini jieħdu Eur1,200 kull wieħed sabiex jarmaw u jżarmaw dan it-tiżjin.

Ser isir kor fit-13 ta' Diċembru fejn dan il-kor ser idur ħames kappelli. Se jsiru wkoll żewg festini; fid-19 ta' Diċembru 2025 ghall-anzjani u fil-21 ta' Dicembru 2025 ghat-tfal. Huwa maħsub li l-mixegħla tal-Milied issir il-Ħadd 7 ta' Diċembru wara is-7pm.

23.6 CCTvs – Heavy Vehicles

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li diversi trakkijiet kummerċjali li ma jkunux ser jagħtu servizz ġewwa Ħaż-Żebbuġ, qegħdin jgħaddu minn Ħaż-Żebbuġ. Għaldaqstant dħul minn Ħal Mula jiġifieri minn fejn tal-Kamu u t-Toyota, Triq il-Kbira u Triq Dun Karm Psaila ser ikunu mgħassa bil-cameras. Intalbu quotations fejn l-irħas cameras huma dawk offruti mingħand l-AIS għal Eur1699. Dawn imbagħad jitqabbdu mas-sistema tal-LESA li jkunu nkarigati mill-infurzar. Kien hemm qbil unanimu li dan kollu jsir.

Il-Viċi-Sindku Joseph Agius qal li kien avviċinat sabiex tinġieb kiosk/trailer li fiha jsiru testijiet mediċi. Is-Sindku qal li jaqbel ma' din l-idea.

23.7 Vot tal-Flus

Dwar il-vot tal-flus, il-Kunsillier George Cortis qal li qed jitlob li jinqara item item waqt il-laqgha. Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li il-vot ilu distribwit kif mitlub mil-liġi u faċilment seta jiġi minn qabel jiċċekkja l-kontijiet. Il-Kunsillier George Cortis qal li dan mhux possibbli għalih minħabba l-impediment li għandu. Il-Kunsillier Dr. Mazzola u Mario Attard offrew li jaqrahulu huma, iżda mhux fil-laqgħa tal-Kunsill għaliex ikun hemm telf ta'ħin.

Wara din id-diskussjoni, il-Kunsillier Mario Attard ippropona li l-vot ikun approvat. Hu ġie sekondat mill-Viċi Sindku Joseph Agius. Kien hemm qbil unanimu.

23.8 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata sine die. Din il-laqgħa spiċċat fit-9:05pm.

**Steve Zammit Lupi** — **Paula M. Valletta**

**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**

,